# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 671/2015/VG**

**Costantin Pietro BIGNOLI**

**Vs**

**Donald MICALLEF**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-19 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro [€3,494.06c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Qieghda tintalab is-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), ossija l-ammont massimu li fil-kompetenza tieghu dan l-Onorabbli tribunal jista jordna l-hlas tieghu, rapprezentanti paga dovuta mill-konvenut Donald Micallef lill-attur Costantin Pietro Bignoli dwar servizzi ta' Skipper li gew rezi mill-attur u dan skond il-kuntratt ta'

impjieg datat 10 ta' Mejju 2015. Minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut minnu, anke permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Awwissu 2015 (Dok A), u minkejja wkoll id-diversi weghdiet ghall-hlas, huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali fuq imsemmija u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-kuntratt fuq imsemmi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fis-26 ta' Awwissu, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti waqt is-seduta tal-lum li kkonferma li l-ammont reklamat minnu ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Jonathan Abela Fiorentino ghar-rikorrenti ddikjara li ghal finijiet ta' kompetenza r-rikorrenti qieghed jirrinunzja definittivament ghal kull ammont il-fuq mill-ammont ta' tlett elef erbgha mija u erbgha u disghin uero u sitt centezmi (€3,494.06c).

Ra li l-istess Dr. Abela Fiorentino ddikjara li r-rikorrenti ma kellhux aktar provi xi jressaq u talab lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta’ euro [€3,494.06c] rapprezentanti paga dovuta mill-intimat lilu ghal servizzi ta’ Skipper li gew rezi minnu u dan skond il-kuntratt ta’ impjieg datat 10 ta’ Mejju 2015.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed u kkonferma li l-intimat ghandu jaghtih is-somma ta’ tlett elef sitt mija u hamsin ewro (€3,650) ghal servizzi ta’ skipper mill-31 ta’ Lulju, 2015 sat-23 Awwissu, 2015 u dan skont il-kuntratt ta’ impjieg skond il-kuntratt ta’ impjieg esbit bhala dok. CPB 1. Huwa qal li mill-ammont originarjament miftiehem ta’ €4,000 kien thallas is-somma ta’ €350 u ghalhekk il-bilanc ta’ €3,650.

3. Ra d-dikjarazzjoni maghmula minn Dr. Jonathan Abela Fiorentino ghar-rikorrenti fil-verbal tal-lum fejn gie dikjarat li ghal finijiet ta’ kompetenza r-rikorrenti qieghed jirrinunzja definittivament ghal kull ammont il-fuq mill-ammont ta’ tlett elef erbgha mija u erbgha u disghin uero u sitt centezmi (€3,494.06c).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fit-28 ta' Awwissu, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

8. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro [€3,494.06c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-23 ta' Awwissu, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**